A.L. 85 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1994 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għaż-Żgħażagħ u Kultura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 111 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti principali.

2. Fil-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "monument, barra" għandhom jidħlu l-kliem "monument li jkun miftuħ nhar ta' Ħadd, barra".

Iżid ir-regolament 9 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:—

"Ħinijiet tal-ftuħ ta' mużewijiet li jinsabu fil-Belt Valletta.

9. (1) Il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija, il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, l-Armerija tal-Palazz u l-Mużew tal-Gwerra, li jinsabu fil-Belt Valletta, għandhom, bejn l-1 ta' Awissu u t-30 ta' Settembru ta' kull sena —

(a) jinfetħu wkoll għall-pubbliku kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa bejn is-2 p.m. u l-5 p.m.;

(b) jinżammu magħluqa nhar ta' Ħadd.

(2) Id-Direttur tal-Mużewijiet għandu jesiġi ħlas għad-dħul fil-mużewijiet imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament f'kull ġurnata tal-ġimgħa matul il-perjodu msemmi ta' dritt ta' lira Maltija minn kull persuna ta' l-età ta' dsatax-il sena jew aktar:

Iżda ma għandu jitħallas ebda dritt għad-dħul f'dawn il-mużewijiet minn persuni li —

(a) ma jkunux għalqu id-dsatax-il sena;

(b) jkollhom karta ta' l-identità li turi li huma studenti jew żgħażagħ;

(ċ) jkollhom ħamsa w sittin sena jew aktar.".